MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Annwali

It-Tnejn 3 ta' Diċembru, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa sejjaħ il-laqgħa annwali tal-Lokalita' li nżammet fis-Sala tal-Komunità, li tinsab fl-indirizz 'Dar Birżebbuġa', Dawret Qalb Imqaddsa, Birżebbuġa, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (appross. 45)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nil

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 1 Indirizz ta' Merħba;

1.1. Is-Sindku JC ta merħba lil dawk preżenti, u rringrazzja lill-pubbliku u lill-membri tal-Kunsill tal-preżenza tagħhom.

## 2 Rapport ta' Ħidma tal-Kunsill għas-Sena 2018

2.1. Is-Sindku JC talab lis-Segretarju Eżekuttiv jippreżenta r-rapport li jelenka l-ħidma tal-Kunsill matul is-sena 2018, (Anness Dok A).

## 3 Estimi Finanzjarji

3.1. Is-Sindku JC talab lis-Segretarju Eżekuttiv jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2019.

3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-punti saljenti tal-estimi finanzjarji, li jirrigwardjaw id-dħul, l-infiq rikorrenti, u l-infiq kapitali pjanat mill-Kunsill.

## 4 Interventi mill-Pubbliku

4.1. Ma kienx hemm kummenti mqajjma relatati mal-estimi finanzjarji.

4.2. Resident irrimarka dwar il-bżonn ta' rifreskar tas-senjalazzjonijiet tat-traffiku, fi Triq iż-Żurrieq.

4.3. Residenti staqsa dwar iż-*zebra crossing* ta' Misraħ il-Knisja, li fil-preżent hemm parti minnha bla dawl.

4.3.1. Huwa kien infurmat li hemm ħsarat li saru mill-kuntrattur waqt ix-xogħlijiet tal-Enemalta u għaddejjin id-diskussjonijiet mal-Enemalta sabiex dawn jiġu rranġati.

4.4. Resident irrimarka li l-ġabra tal-iskart qed iddum.

4.4.1. Huwa kien infurmat li saret bidla fil-kuntrattur mis-Sibt 1 ta' Diċembru, u l-problema mistennija li tissolva.

4.5. Numru ta' residenti talbu li jkun hemm pjattaforma fejn ikun hemm iktar informazzjoni pubblika u aċċessibbli.

4.5.1. Kien hemm suġġeriment li jkun hemm iktar komunikazzjoni, permezz ta' iktar laqgħat pubbliċi mar-residenti, bħal eżempju kull tlett xhur.

4.6. Resident staqsa dwar jekk hux ser issir it-trakka tal-karozzi f'Birżebbuġa, inkluż f'Ħal Far.

4.6.1. Kien infurmat li l-Kunsill mhuwiex infurmat b'dan, u s'issa ma ssemmiex post fejn din ser issir.

4.7. Residenta irrimarkat dwar bżonn ta' immaniġġjar tat-traffiku aħjar fi Triq iż-Żurrieq, li jinkludi anke *zebra* crossing, minħabba l-periklu li hemm.

4.7.1. Kienet infurmata li fil-preżent sar disinn li ġie propost lil Transport Malta għall-immaniġġjar aħjar.

4.8. Resident talab sabiex l-*isleeping policemen* li hemm fi Triq San Filippu, jitwalu iktar lejn il-bankini, u dan sabiex ma jkunx hemm vetturi li jippruvaw jiskapolawhom, b'riskju li joħolqu aċċident.

4.9. Resident talab li jsir pont żgħir bħala passaġġ bejn il-p*rominade* u l-Lukanda *Water's Edge* u san sabiex ikunu jistaw jaqsmu in-nies meta ikun hemm l-għargħar tal-ilma tax-xita.

4.10. Resident staqsa jekk hux ser isir parkeġġ fi Triq San Patrizju meta jsir l-proġett tal-parkeġġ u miljorament.

4.10.1. Huwa kien infurmat li ser isir parkeġġ fit-triq, iżda għad m'hemmx pjanti finali mgħotija lill-Kunsill.

4.11. Resident issuġġerixxa tagħlim ta' kompjuter.

4.12. Resident tkellem dwar blokk ta' bini fi stat delapidat fi Triq San Patrizju, u staqsa x'passi ittieħdu.

4.12.1. Huwa kien infurmat li saru diversi rapporti lill-Awtoritajiet kompetenti.

4.13. Residenti tkellmu dwar il-Freeport u diversi problemi relatati miegħu, fostom dawk ta' storbju u dħaħen.

4.13.1. Kien hemm suġġeriment li pressjoni ssir permezz anke tan-nies stess, billi jitkellmu kollettivament, anke billi jsiru laqgħat mad-diriġenti tal-*Freeport.*

4.14. Residenti irrimarkaw li wettqu studju dwar dħaħen u storju tal-Freeport u li ser ikunu qed jippreżentawh formalment lill-Kunsill.

4.15. Residenti staqsew dwar is-*ship to shore supply*, u staqsew meta dan ser jidħol fis-seħħ, għax b'din il-miżura jitnaqqsu konsiderevolment il-problemi ġġenerati mill-Freeport

4.15.1. Huma kienu infurmati li l-*cable* mill-Enemalta twassal sal-Freeport, iżda dan ma jfissirx li ser jopera b'mod immedjat. Dan għaliex trid issir l-infrastruttura mill-Freeport kif ukoll mill-vapuri innifishom.

4.16. Residenti rrimarkaw dwar l-aċċessi fuq il-*prominade*:

4.16.1. li l-aċċess għal taħt il-*prominade* mir-rampa u l-*barrier* qed ikun liberu wisq, fejn dawk li għandhom aċċess qed jiftħu u jħallu lill-terzi persuni jinżlu f'dik iż-żona bil-vetturi.

4.16.2. Vetturi privati u kummerċjali qed jidħlu fl-ispazju pedonali fejn il-lukanda *Water's Edge.*

4.16.3. Vetturi privati u kummerċjali qed jidħlu fil-*promenade* minn-naħa tal-klabb tal-boċċi.

4.17. Resident talab li l-minuti tal-laqgħat tal-EMC mal-Freeport jiġu ppubblikati.

4.18. Resident tkellem dwar il-possibilta' li jsir *park* rikreattiv f'Birżebbuġa, in-naħa ta Ħal Far.

4.19. Residenta staqsiet dwar il-proġett tal-*iskatepark*, u liema żgħażagħ għażlu l-post.

4.19.1. Kienet infurmata li saru numru konsiderevoli ta' laqgħat ma' diversi żgħażagħ, li minnhom jidhru ukoll fil-filmat pubbliċitarju.

4.20. Residenta ssuġġerit l-użu ta' Fondi Ewropej fir-rigward ta' ħarsien tal-kultura u storja.

4.21. Resident irrimarka dwar id-dħaħen tossiċi li qed ikun hemm ħerġin minn impjanti f'Ħal Far.

# 5 Għeluq tal-laqgħa

5.1. Il-Kunsill irrimarka li ttieħdet nota tas-suġġerimenti riċevuti, u li ser ikunu ikkunsidrati mill-istess Kunsill.

5.2. Is-Sindku irringrazzja lill-membri tal-pubbliku preżenti talli għoġobhom jattendu u jipparteċipaw.

5.3. Ir-Residenti talbu li jkun hemm iktar laqgħat pubbliċi matul is-sena sabiex jiġu diskussi suġġetti varji.

5.4. Il-laqgħa intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 7 ta' Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |